ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji**

**Il-Ħames Sena** **IL-MALTI** **L-Iskema tal-Marki**

| Taħriġ 1. It-Tqassim tal-Marki tal-Qari Mgħajjat | | | 5 marki |
|---|---|---|---|
| **Ir-ritmu tal-qari** | | | |
| 0 | **0.5** | **1.0** | **2.0** |
| Qari mlaqlaq, kelma kelma ma jinftehimx u donnu minn taħt l-ilsien. | Qari b'leħen ċar imma mhux dejjem mexxej. | Qari bis-sens, b'leħen ċar u b'ritmu mexxej fil-biċċa l-kbira tal-qari. | Qari bis-sens, b'leħen ċar, b'ritmu mexxej u b'kunfidenza tul il-qari kollu |
| **Il-qari li jsegwi l-punteġġjatura** | | | |
| 0 | **0.5** | **1.0** | **1.5** |
| Il-qarrej qatt ma jimxi mas-sinjali tal-punteġġjatura u jibqa' għaddej bla ma jieqaf fejn suppost. | Il-qarrej mhux dejjem jimxi mas-sinjali tal-punteġġjatura u mhux dejjem jieqaf fejn suppost. | Il-qarrej jaqra tajjeb skont is-sinjali tal-punteġġjatura għalkemm f'xi waqtiet ma tinħassx kunfidenza biżżejjed. | Il-qarrej jaqra tajjeb skont is-sinjali tal-punteġġjatura b'kunfidenza u jaf it-tifsira tagħhom għax kapaċi jħaddimha tajjeb ħafna fil-qari tiegħu. |
| **Użu tajjeb tat-tonalità u l-waqgħat tal-leħen** | | | |
| 0 | **0.5** | **1.0** | **1.5** |
| Il-qarrej jaqra b'ton wieħed bla ma jbiddel il-vuċi skont it-test u ma jagħrafx fejn ipoġġi l-enfasi fuq il-vokali/ konsonanti biex joħloq l-effett mixtieq. | Il-qarrej mhux dejjem jaqra b'ton wieħed u xi drabi jbiddel il-vuċi skont it-test u mhux dejjem jagħraf fejn ipoġġi l-enfasi fuq il-vokali/konsonanti biex joħloq l-effett mixtieq. | Il-qarrej jaf ibiddel it-ton skont it-test u jagħraf ipoġġi sewwa l-waqgħat tal-leħen fuq il-vokali /konsonanti biex jagħmel l-enfasi meħtieġa fil-parti l-kbira tal-qari tiegħu. | Il-qarrej jaf ibiddel it-ton skont it-test u jagħraf ipoġġi sewwa l-waqgħat tal-leħen fuq il-vokali/ konsonanti biex jagħmel l-enfasi meħtieġa b'konsistenza tul il-qari kollu. |

<table>
<tr><th colspan="2">Taħriġ 2 u 3. It-Tqassim tal-Marki tat-Taħdit</th><th>15-il marka</th></tr>
<tr><td colspan="3">1. Il-kompetenza fit-taħdit</td></tr>
<tr><td>0 - 1<br>Id-diskors ma<br>• jinstemax u ma jinftihemx sewwa;<br>• fihx pronunzja tajba;<br>• fihx intonazzjoni tajba;<br>• jagħmilx enfasi fejn meħtieġ.</td><td>2 - 3<br>Id-diskors mhux dejjem<br>• jinstema' u jinftiehem sewwa;<br>• għandu pronunzja tajba;<br>• jinstema' b'intonazzjoni tajba;<br>• jagħmel enfasi fejn meħtieġ.</td><td>4 - 5<br>Id-diskors dejjem<br>• jinstema' u jinftiehem sewwa;<br>• jinstema' bi pronunzja tajba;<br>• jinstema' b'intonazzjoni tajba;<br>• issir enfasi fejn meħtieġ.</td></tr>
<tr><td colspan="3">2. Il-lessiku</td></tr>
<tr><td>0 - 1<br>Jidher li hemm<br>• Ħakma limitata u ripetuta tal-lessiku marbut mat-tema;<br>• Għadd kbir ta' żbalji spissi fil-korrettezza grammatikali.</td><td>2 - 3<br>Jidher li hemm<br>• Ħakma tajba minkejja xi ripetizzjonijiet tal-lessiku marbut mat-tema;<br>• Ftit żbalji spissi fil-korrettezza grammatikali.</td><td>4 - 5<br>Jidher li hemm<br>• Ħakma tajba u varjata ħafna bla ripetizzjoni tal-lessiku marbut mat-tema;<br>• Ftit li xejn żbalji fil-korrettezza grammatikali.</td></tr>
<tr><td colspan="3">3. L-istruttura tad-diskors</td></tr>
<tr><td>0<br>• Diskors b'sentenzi bi struttura mħawda li ma jagħmlux sens;<br>• Ftit li xejn ideat u ħafna ripetizzjoni tal-istess waħda/iet;<br>• Bla ebda sens ta' binja u tkomplija fuq xulxin ta' dak li jkun qed jingħad.</td><td>1<br>• Diskors b'sentenzi bi struttura tajba imma xi drabi ma jagħmlux sens mill-ewwel;<br>• Ftit ideat li xi drabi jkunu ripetuti;<br>• Ftit binja u tkomplija fuq xulxin ta' dak li jkun qed jingħad.</td><td>2<br>• Diskors b'sentenzi bi struttura tajba u li jagħmlu sens;<br>• Għadd ta' ideat bi ftit li xejn ripetizzjoni;<br>• Binja tajba u tkomplija fuq xulxin ta' dak li jkun qed jingħad.</td></tr>
<tr><td colspan="3">4. Il-kontenut ippreżentat</td></tr>
<tr><td>0-1<br>• Ftit li xejn diskors korrett marbut mat-tema;<br>• Fatti mogħtija bla sekwenza;<br>• Qatt jew rari jingħataw il-fehmiet tal-kelliem/a.</td><td>2<br>• Deskrizzjoni tajba u fil-biċċa l-kbira tagħha hi korretta, u taqbel mat-tema;<br>• Sekwenza tajba bi ftit żbalji tal-fatti mogħtija;<br>• Xi drabi jingħataw il-fehmiet tal-kelliem/a.</td><td>3<br>• Deskrizzjoni tajba ħafna u korretta mat-tema;<br>• Sekwenza tajba tal-fatti mogħtija;<br>• Jingħataw ukoll il-fehmiet tal-kelliem/a.</td></tr>
</table>